Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9006 — Deutsche Asphalt/Bunte/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 303/07)

1. Fil-21 ta' Awwissu 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Deutsche Asphalt GmbH ("Deutsche Asphalt", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Strabag SE ("Strabag", l-Awstrija),

— Johann Bunte Bauunternehmung GmbH & Co. KG ("Bunte", il-Ġermanja),

— joint venture (JV) imwaqqfa ġdida (il-Ġermanja)

Strabag – permezz tas-sussidjarja proprjetà tagħha Deutsche Asphalt – u Bunte jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'joint venture.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Deutsche Asphalt: produzzjoni ta' tipi differenti ta' asfalt għall-bażi tal-asfalt, korsiji li jagħqdu u tal-wiċċ,

— Strabag: servizzi u materjali tal-kostruzzjoni,

— Bunte: produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni ta' taħlit tal-asfalt u l-kostruzzjoni tat-toroq

— il-JV: produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni ta' taħlitiet tal-asfalt. Deutsche Asphalt u Bunte kull waħda minnhom se ddaħħal fil-joint venture għadd ta' impjanti eżistenti tal-asfalt.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.9006 — Deutsche Asphalt/Bunte/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 17.12.2011, p. 5.